Arkivre Arkivre

Illum wieħed u tletin (31) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Att Numru 36

Dikjarazzjoni Causa Mortis

Inskrizzjoni Numru 2296/2014

Inskritt fil 11/11/2014

Quddiemi Nutar Anna Theuma dehret personalment wara li vverifikajt l-identita' tagħha mid-dokument uffiċċjali hawn taħt imsemmi, kif trid il-liġi:

Rita Mizzi, pensjonanta, armla ta' Joseph Mizzi, bint il-mejtin Saviour Camilleri u Rosa nee' Muscat, imwielda in-Nadur, Għawdex fid-dsatax (19) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u tletin (1930), residenti fid-dar mingħajr numru uffiċċjali bl-isem ta' "In God We Trust", Triq San Blas, in-Nadur, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 27030(G), aktar 'il isfel fuq dan l-att imsejħa: "id-dikjaranti".

Id-dikjaranti tiddikjara illi:

1. Fl-ewwel (1) ta' Settembru, tas-sena korrenti elfejn u erbatax (2014), miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, f'Victoria, Għawdex żewġha Joseph sive Giuseppe Mizzi, ġia pensjonant, iben il-mejtin Paul sive Paolo Mizzi u Rosa nee' Camilleri, imwieled il-Qala, Għawdex fl-erbgħa (4) ta Lulju, tas-sena elf disa' mija u tnejn u għoxrin (1922), u kien residenti fid-dar mingħajr numru uffiċċjali iżda bl-isem ta' "In God We Trust", Triq San Blas, Nadur, Għawdex, u kien detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 42426(G), hawn taħt imsejjaħ "id-decujus". Qiegħed jiġi anness ma' dan l-att dikjaratorju u mmarkat bħala "Dokument A" iċ-ċertifikat tal-mewt tad-decujus maħruġ mir-Reġistru Pubbliku u li jġib in-numru mija tmienja u sebgħin tas-sena elfejn u erbatax (178/2014).
2. Id-decujus kien irregola s-suċċessjoni għall-eredita' tiegħu permezz ta' testment *unica charta* flimkien ma' martu l-komparenti dikjaranti fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), bis-saħħa ta' liema *inter alia* hassa, irrevoka u annulla kwalunkwe testment preċedenti u innomina u istitwixxa b'eredi universali fi pjena u assoluta proprjeta' tal-assi universali tiegħu preżenti u futuri, korporali u inkorporali, mobbli u immobbli, lil martu Rita Mizzi. Qegħdin jiġu annessi ma' dan l-att u mmarkati bħala dokumenti "B" u "Ċ" rispettivament iċ-Ċertifikat ta' Testmenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fejn juri illi ma sar l-ebda testment ieħor sussegwenti għal dak preċitat, u ċ-Ċertikat ta' Testmenti Sigrieti maħruġ mill-Qorti Ċivili

Notary to Government
Victoria, Gozo

(Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li jikkonferma li l-ebda testment sigriet ma jeżisti depożitat mal-Qorti Mulsin f'isem id-decujus.

3. Fost l-assi ereditarji tad-decujus hemm il-proprjeta' immobbli deskritta aktar 'il isfel.

Dan premess u ddikjarat, id-dikjaranti qegħda tiddikjara il-proprjeta' immobbli trasferita lilha *causa mortis* sussegwentament għall-mewt tal-imsemmi decujus żewġha u dan sabiex pjenament tottempora ruħha mal-obbligi spettanti minnha naxxenti mill-Artikolu tlieta u tletin (33) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu tliet mija erbgħa u sittin [Kap. 364] tal-Liġijiet ta' Malta).

Għall-finijiet tal-imsemmija Liġi, id-dikjaranti tiddikjara illi sa fejn huwa magħruf, il-proprjeta' immobbli appartenenti lid-decujus fid-data ta' mewtu kienet tikkonsisti fis-segwenti:

i. Nofs (½) indiviż mid-dar tar-residenza tad-decujus u ta' martu mingħajr numru uffiċċjali iżda magħrufa bl-isem ta' "In God We Trust", fi Triq San Blas, in-Nadur, Għawdex, kantuniera ma' Triq il-Kavallier Ġuże' Camilleri, in-Nadur, Għawdex, bil-ġnien relattiv anness magħha, konfinanti fl-Lvant mill-Majjistral in parti mal-imsemmija Triq San Blas, in parti ma' beni ta' Emanuel u Angela Muscat jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, mil-Lbiċ in parti mal-imsemmija Triq il-Kavallier Ġuże' Camilleri, in parti ma' beni ta' Loreta Galea, in parti ma' beni ta' Carmen Pisani, u in parti ma' beni ta' Gemma Xuereb jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu rispettivament, u mix-Xlokk in parti ma' beni ta' Loreta Galea, in parti ma' beni ta' Carmen Pisani, u in parti ma' beni ta' Mary Buttigieg, jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu rispettivament, jew irjieħ verjuri, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, murija aħjar fl-intier bl-aħmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument D", tal-valur kan in-nofs (½) indiviż appartenenti lid-decujus ta' mitt elf ewro (€100,000).

ii. Nofs (½) indiviż mid-dar mingħajr numru uffiċċjali bl-isem ta' "Ġesu' Redentur", gia magħrufa bħala "Redentur", fi Triq Ġuże Ellul Mercer, Nadur, Għawdex, bil-ġnien relattiv anness magħha, konfinanti mil-Lbiċ mal-imsemmija Triq, mill-Majjistral ma' beni ta' Peter Hili, u mix-Xlokk ma' beni ta' Martin Xuereb, jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu rispettivament, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, murija aħjar fl-intier bl-aħmar fuq il-pjanta u

Notary to Government
Victoria, Gozo

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre